MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2004

Numru 621/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**MARWAN EL-KURBO**

**Illum 2 ta' Marzu, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Marwan El-Kurbo ta' 25 sena mwieled Libya nhar it-18 ta' ottubru 1977 bin Abdullah u Karima Tessie nee' Pace residing gewwa 49 triq Santu Wistin Tarxien jew Flat 2 Balluta Buildings Triq Il-Kbira Balluta San Giljan detentur ta' karta ta' l-Identita Nru 381101L gie akkuzat:

Talli Nhar id-19 ta’ Settembru 2001 gewwa il-belt Valletta u fil-gimghat ta’ qabel bil-hsieb li jaghmel hsara lill-Martin Debono mill-Hamrun akkuzajtu quddiem awtorita kompetenti b’reat, filwaqt li kien jaf li debono huwa innocenti u dan ai terminu tal-artikolu 101 (1) tal-Kapitolu 9 tal-ligiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess dati u lok ta xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta’ prigunerija ghall-zmien sentejn, kontra il-persuna ta’ martin debono mill-Hamrun u dan ai terminu tal-artikolu 104 (1) u 105 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli taht l-istess cirkostanzi halef il-falz quddiem il-Magistrat Dottor G. Grixti LL.d. u Dottor A. Micallef Trigona LL.d. liema Magistrati ghandhom is-setgha b’ligi li jaghtu l-gurament u dan ai terminu tal-artikoli 108 (1) u 109 (1) (2) tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta

U aktar talli taht l-istess cirkostanzi bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkustanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistghu l’quddiem jiswew bir prova kontra il-persuna ta’ Martin Debono mill-Hamrun, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna kellha tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja b’reat u aktar talli ddenunzja lill-Pulizija esekuttiva, inkella b’qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li inbdew proceduri kriminali kontra Martin Debono mill-Hamrun sabiex zguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai terminu tal-artikolu 110 (1) (2) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.
Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali Dok MT4 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tal-11 ta’ Awwissu, 2003 l-imputat ammetta l-akkuzi.

Il-Qorti spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien

sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat ukoll li fis-Seduta tat-2 ta' Marzu, 2004 l-istess imputat assistit minn avukat differenti iddikjara li hu jinsisti fuq l-ammissjoni tieghu dwar l-akkuzi migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni diga' kien ghamel fil-11 ta' Awwissu, 2003.

Il-Qorti regghet spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jergax jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 101(1), 104(1), 105, 108(1), 109(1) u (2) u 110(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Marwan El-Kurbo fuq ammissjoni hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-kawza, tikkundanna lill-imputat Marwan El-Kurbo ghall-piena komplessiva ta' sentejn u ghaxar (10) xhur prigunerija.

Inoltre l-Qorti a tenur tal-artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda timponi fuq l-imputat Marwan El-Kurbo interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-istess imputat iservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun, u dan ghal zmien ta' ghaxar (10) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------